**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-KEPD dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-użu tas-sistema eCall u l-emenda tad-Direttiva 2007/46/KE**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, l-FR u d-DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 38/04)

## 1. **Introduzzjoni**

### 1.1. *Konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fit-13 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-użu tas-sistema eCall u l-emendar tad-Direttiva 2007/46/KE ("il-Proposta") ([1]) imħabbra fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Awwissu 2009 dwar "eCall: Żmien għall-Użu" ("il-Komunikazzjoni tal-2009") ([2]).

2. Il-KEPD jilqa' l-fatt li qiegħed jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni u li fil-preambolu tal-Proposta hemm inkluża referenza għall-konsultazzjoni.

3. Qabel l-adozzjoni tal-Proposta, il-KEPD ingħata l-possibbiltà li jipprovdi kummenti informali lill-Kummissjoni. Apprezza ħafna li l-biċċa l-kbira tal-kummenti ġew ikkunsidrati.

### 1.2. *Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta*

4. Il-Proposta tikkumplimenta miżuri regolatorji oħra li ġew implimentati biex jappoġġjaw l-użu ta' eCall, bħad-Direttiva ITS 2010/40/UE ([3]), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Settembru 2011 dwar l-appoġġ għas-servizz eCall mifrux madwar l-UE ([4]), u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-aġġornament tal-Punti ta' Tweġib dwar is-Sigurtà Pubblika (PSAPs) ([5]), dwar liema l-KEPD kien ikkonsultat u ngħata kummenti ([6]).

5. Il-Proposta tipprovdi għall-introduzzjoni obbligatorja ta' sistema fil-vettura eCall f'vetturi tat-tip approvat ġodda fl-Ewropa. Għall-kuntrarju tas-sistema attwali fejn eCall hija installata mill-manifatturi tal-karozzi fuq bażi volontarja, il-Proposta tipprevedi t-twaħħil obbligatorju ta' apparat eCall fil-vetturi ġodda kollha billi wieħed jibda bil-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief mill-1 ta' Ottubru 2015 ([7]). Għalhekk tinkludi diversi obbligi indirizzati lill-manifatturi tal-vetturi/tagħmir.

## 4. **Konklużjonijiet**

63. Il-KEPD jenfasizza li l-ipproċessar tad-dejta personali huwa wieħed mill-obbligi ewlenin maħluqa mill-Proposta u jilqa' l-fatt li diversi mir-rakkomandazzjonijiet li għamel fir-rigward tal-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta ta' eCall 112 ġew ikkunsidrati.

([1]) COM(2013) 316 finali.

([2]) COM(2009) 434 finali.

([3]) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

([4]) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/750/UE tat-8 ta' Settembru 2011 dwar l-appoġġ għal servizz eCall mifrux madwar f'netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi għat-trażmissjoni ta' sejħiet ta' emerġenza mill-vettura abbażi tal-112 ("eCalls") (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 46).

([5]) Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 305/2013 tas-26 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha, Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 91, 3.4.2013, p. 1).

([6]) Ara b'mod partikolari l-Opinjoni tat-22 ta' Lulju 2009 dwar id-Direttiva ITS, il-kummenti formali tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-eCall mifruxa madwar l-UE, u l-ittra tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar ir-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dispożizzjoni armonizzata għal eCall mifruxa madwar l-UE interoperabbli, kollox ippubblikat fuq il-websajt tal-KEPD: http://www.edps.europa.eu (taħt "Konsultazzjoni").

([7]) Ara l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(1) tal-Proposta.

64. Fir-rigward ta' eCall 112, il-KEPD jirrakkomanda li l-kwistjonijiet li ġejjin jiġu speċifikati ulterjorment fil-Proposta:

— għandha tiddaħħal referenza espliċita applikabbli għal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta fl-UE, fil-Proposta permezz ta' dispożizzjoni sostantiva u ddedikata, li ssemmi b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE u li tispeċifika li d-dispożizzjonijiet ser japplikaw skont ir-regoli nazzjonali li jimplimentawha;

— ir-referenza għad-dokument ta' ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 mir-referenza li saret għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-Premessa 13;

— għandhom jiġu żviluppati salvagwardji ta' protezzjoni tad-dejta konkreti li japplikaw għall-eCall 112 fil-Proposta aktar milli fl-atti ddelegati u b'mod partikolari li l-Artikolu 6:

  — taħtar il-kontrollur u l-awtorità responsabbli biex tindirizza t-talbiet għal aċċess;

  — tispeċifika l-lista ta' dejta msemmija bħala sett minimu ta' dejta bħala sett sħiħ ta' dejta (possibbilment biex tiġi elaborata f'att iddelegat jew ta' implimentazzjoni);

  — tinkludi l-possibbiltà li s-soġġetti tad-dejta jiddiżattivaw l-eCall privata u servizz b'valur miżjud;

  — tispeċifika l-perjodi ta' żamma għad-dejta pproċessata.

  — tispeċifika l-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-soġġetti tad-dejta.

— L-Artikolu 6(3) għandu jiġi kkumplimentat biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li jirreferi għaliha hija parti mid-dokumentazzjoni teknika li tingħata flimkien mal-vettura u għandu jiġi speċifikat fil-Proposta li d-disponibbiltà tal-informazzjoni għandha tiġi indikata lis-sidien tal-karozza meta tinxtara l-karozza, f'dokument separat.

— Il-KEPD għandu jiġi kkonsultat qabel l-adozzjoni tal-atti ddelegati previsti fl-Artikolu 6(4).

65. Fir-rigward tal-eCall privata u s-servizzi b'valur miżjud, il-KEPD ifakkar li huma rregolati mill-Proposta biex b'hekk jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' dejta simili jew aktar stretti minn dawk previsti għas-sistema eCall 112. Huwa fakkar ukoll li:

— il-Proposta tispeċifika li kuntrarjament għall-e-Call 112, l-eCall privata u s-servizzi b'valur miżjud għandhom jiġu attivati fuq bażi volontarja u diżattivati b'mod predefinit;

— ir-rekwiżit għal kuntratt xieraq u distint bejn il-konsumatur u l-fornitur tas-servizzi huwa ddikjarat f'dispożizzjoni speċifika tar-Regolament propost u li huwa ċċarat fid-dispożizzjoni li dan il-kuntratt għandu jkopri aspetti ta' protezzjoni tad-dejta, inkluż l-għoti ta' informazzjoni xierqa lill-konsumaturi dwar is-servizz(i) u l-ġbir tal-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-dejta fir-rigward tad-dispożizzjoni ta' dawn is-servizzi b'valur miżjud. Il-proposta tiżgura li s-soġġetti tad-dejta jingħataw l-għażla li jagħżlu s-servizzi, permezz ta' offerta ta' kuntratt speċifika, li ssir qabel l-ipproċessar. Il-klawsoli mhux negozjabbli li jagħmlu parti minn kuntratt ta' bejgħ ta' karozza, jew klawsoli li jagħmlu parti mit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali, li l-aċċettazzjoni tagħhom hija obbligatorja, mhux ser ikunu tajba għal dan ir-rekwiżit.

— Fil-kuntratt għandu jiġi ddikjarat ukoll li r-rifjut tas-servizz offrut mhux ser ikollu konsegwenzi negattivi marbuta ma' dak ir-rifjut. Tali dikjarazzjoni tista' tidher fid-dikjarazzjoni ta' privatezza tal-kuntratt.

66. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li:

— huwa ċċarat fil-Proposta li l-intraċċar kostanti huwa pprojbit għal servizzi b'valur miżjud;

— il-kategoriji ta' dejta pproċessata skont l-eCall 112 – u l-eCall privata u s-servizzi b'valur miżjud huma speċifikati f'dispożizzjoni sostantiva tal-Proposta u li l-kunċett ta' "FSD" huwa ddefinit fil-Proposta;

— hija pproċessata biss id-dejta meħtieġa għal eCall privata u servizzi ta' valur miżjud f'konformità mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-dejta;

— dispożizzjoni speċifika tfakkar li l-ipproċessar ta' dejta sensittiva taħt eCall privata u servizzi ta' valur miżjuda huma pprojbiti;

— il-perjodu ta' żamma tad-dejta pproċessata skont eCall 112, eCall privata u s-servizzi ta' valur miżjud huwa stabbilit u speċifikat f'dispożizzjoni sostantiva tal-Proposta;

— is-sigurtà tad-dejta pproċessata skont eCall 112, eCall privata u s-servizzi b'valur miżjud hija ggarantita minn xi speċifikazzjonijiet fit-test.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2013.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*